IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/88/PESK/ĠAI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26-27 ta' Frar 2009, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, megħjuna mill-Kummissjoni, biex tiftaħ negozjati għal Ftehin bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali. Dawk in-negozjati saru b'suċċess u tfassal Ftehim.

(2) Fin-nuqqas ta' trattati bilaterali dwar assistenza legali reċiproka bejn l-Istati Membri u l-Ġappun, l-Unjoni Ewropea tfittex li tistabbilixxi koperazzjoni aktar effettiva bejn l-Istati Membri tagħha u l-Ġappun fil-qasam tal-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa biex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK